# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/307

## tal-24 ta' Frar 2022

## li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ([1]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, u meta titqies is-sitwazzjoni serja persistenti fil-Belarussja, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu estiżi sat-28 ta' Frar 2023.

(3) Jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet jew l-informazzjoni għal 27 persuna fiżika u seba' persuni ġuridiċi inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2023.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.";

(2) L-Anness I huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. PANNIER-RUNACHER

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) fit-tabella "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)", l-entrati 2, 3, 8, 16, 18, 19, 20, 21, 30, 31, 33, 46, 49, 50, 53, 70, 77, 87, 88, 112, 114, 121, 123, 124, 125, 127 u 144 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "2. | Dzmitry Valerievich PAULICHENKA,<br>Dmitri Valerievich PAVLICHENKO (Dmitriy Valeriyevich PAVLICHENKO) | Дзмітрый Валер'евіч ПАЎЛІЧЭНКА<br>Дмитрий Валериевич ПАВЛИЧЕНКО | Posizzjoni(jiet): eks Kmandant tal-Unità ta' Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR)<br>Kmandant ta' unità tal-OMON<br>Data tat-Twelid: 1966<br>Post tat-twelid: Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum, Belarussja)<br>Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs 'Honour', 111 Mayakovskogo St., 220028 Minsk, Belarus<br>Sess: raġel | Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Kmandant tal-Unità ta' Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR) fil-Ministeru għall-Intern.<br>Negozjant, Kap ta' "Honour" (Unur), l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru għall-Intern tal-Veterani tal-Forzi Speċjali tal-Ministeru għall-Intern.<br>Huwa ġie identifikat bħala kmandant ta' unità tal-OMON matul ir-repressjoni brutali fuq id-dimostrant, li seħħet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. | 24.9.2004 |
| 3. | Viktar Uladzimiravich SHEIMAN (Viktar Uladzimiravich SHEYMAN)<br>Viktor Vladimirovich SHEIMAN (Viktor Vladimirovich SHEYMAN) | Віктар Уладзіміравіч ШЭЙМАН<br>Виктор Владимирович ШЕЙМАН | Posizzjoni(jiet): Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate<br>Data tat-Twelid: 26.5.1958<br>Post tat-twelid: Soltanishki, Reġjun/Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Indirizz: Belarus President Property Management Directorate, 38 Karl Marx St., 220016 Minsk, Belarus<br>Sess: raġel | Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman għadu Assistent Speċjali tal-President.<br>Huwa għadu membru influwenti u attiv tar-reġim ta' Lukashenka. | 24.9.2004 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 8. | Siarhei Mikalaevich KHAMENKA<br>Sergei Nikolaevich KHOMENKO | Сяргей Мікалаевіч ХАМЕНКА<br>Сергей Николаевич ХОМЕНКО | Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Maġġur Ġenerali tal-Milizzja (forza tal-pulizija)<br>Ministru għall-Ġustizzja<br>Data tat-Twelid: 21.9.1966<br>Post tat-twelid: Yasinovataya, eks Unjoni Sovjetika (issa Ukrajna)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Ministru għall-Ġustizzja. | 2.10.2020 |
| 16. | Aliaksandr Mikhailavich ALIASHKEVICH<br>Alexander Mikhailovich ALESHKEVICH | Аляксандр Міхайлавіч АЛЯШКЕВІЧ<br>Александр Михайлович АЛЕШКЕВИЧ | Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali<br>Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk. | 2.10.2020 |
| 18. | Aliaksandr Paulavich VASILIEU<br>Alexander Pavlovich VASILIEV | Аляксандр Паўлавіч ВАСІЛЬЕЎ<br>Александр Павлович ВАСИЛЬЕВ | Posizzjoni(jiet):Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/ Homyel<br>Kap tal-Akkademja tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni<br>Data tat-Twelid: 24.3.1975<br>Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni. | 2.10.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 19. | Aleh Mikalaevich SHULIAKOUSKI<br>Oleg Nikolaevich SHULIAKOVSKI | Алег Мікалаевіч ШУЛЯКОЎСКІ<br>Олег Николаевич ШУЛЯКОВСКИЙ | Posizzjoni(jiet):Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/ Homyel Kap tal-Pulizija Kriminali<br>Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest<br>Data tat-Twelid: 26.7.1977<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest. | 2.10.2020 |
| 20. | Anatol Anatolievich VASILIEU<br>Anatoli Anatolievich VASILIEV | Анатоль Анатольевіч ВАСІЛЬЕЎ<br>Анатолий Анатольевич ВАСИЛЬЕВ | Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika<br>Viċi President tal-Kumitat Investigattiv<br>Data tat-Twelid: 26.1.1972<br>Post tat-twelid: Gomel/Homyel, Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Kumitat Investigattiv. | 2.10.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 21. | Aliaksandr Viachaslavavich ASTREIKA<br>Alexander Viacheslavovich ASTREIKO | Аляксандр Вячаслававіч АСТРЭЙКА<br>Александр Вячеславович АСТРЕЙКО | Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija)<br>Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk<br>Data tat-Twelid: 22.12.1971<br>Post tat-twelid: Kapyl, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest u Maġġur Ġeneral tal-Milizzja, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk. | 2.10.2020 |
| 30. | Uladzimir Viktaravich KALACH<br>Vladimir Viktorovich KALACH | Уладзімір Віктаравіч КАЛАЧ<br>Владимир Викторович КАЛАЧ | Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB)<br>Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk<br>Sess: raġel<br>Grad: Maġġur Ġeneral | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk. | 2.10.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 31. | Alieg Anatolevich CHARNYSHOU<br>Oleg Anatolievich CHERNYSHEV | Алег Анатольевіч ЧАРНЫШОЎ<br>Олег Анатольевич ЧЕРНЫШЁВ | Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB)<br>Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi<br>Sess: raġel<br>Grad: Maġġur Ġeneral | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), huwa kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi. | 2.10.2020 |
| 33. | Lidzia Mihailauna YARMOSHINA<br>Lidia Mikhailovna YERMOSHINA | Лідзія Міхайлаўна ЯРМОШЫНА<br>Лидия Михайловна ЕРМОШИНА | Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)<br>Data tat-Twelid: 29.1.1953<br>Post tat-twelid: Slutsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: mara | Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC), hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.<br>B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata. | 2.10.2020 |
| 46. | Viktar Aliaksandravich LUKASHENKA<br>Viktor Aleksandrovich LUKASHENKO | Віктар Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА<br>Виктор Александрович ЛУКАШЕНКО | Pożizzjoni(jiet): Eks Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali, Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà<br>President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tal-Belarussja | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll il-pożizzjoni superviżorja informali tiegħu fuq il-forzi tas-sigurtà tal-Belarussja, huwa kien u għadu responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. | 6.11.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Data tat-Twelid: 28.11.1975<br>Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Identità Personali: 3281175A014PB8 | Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali. F'din il-pożizzjoni, li nħatar għaliha fis-26 ta' Frar 2021, huwa responsabbli għat-trattament ħażin mill-uffiċjali tal-NOC tal-atleta Krystsina Tsimanouskaya matul l-Olimpjadi tas-Sajf tal-2020 f'Tokyo. | |
| 49. | Raman Ivanavich MELNIK<br>Roman Ivanovich MELNIK | Раман Іванавіч МЕЛЬНІК<br>Роман Иванович МЕЛЬНИК | Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni<br>Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk<br>Data tat-Twelid: 29.5.1964<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk. | 6.11.2020 |
| 50. | Ivan Danilavich NASKEVICH<br>Ivan Danilovich NOSKEVICH | Іван Данілавіч НАСКЕВІЧ<br>Иван Данилович НОСКЕВИЧ | Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kumitat Investigattiv<br>Membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv<br>Data tat-Twelid: 25.3.1970<br>Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Cierabličy fir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika, (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija minn dak il-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi.<br>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv. | 6.11.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 53. | Andrei Fiodaravich SMAL<br>Andrei Fyodorovich SMAL | Андрэй Фёдаравіч СМАЛЬ<br>Андрей Федорович СМАЛЬ | Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv<br>Data tat-Twelid: 1.8.1973<br>Post tat-twelid: Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi. | 6.11.2020 |
| 70. | Aleh Heorhievich KARAZIEI<br>Oleg Georgevich KARAZEI | Алег Георгіевіч КАРАЗЕЙ<br>Олег Георгиевич КАРАЗЕЙ | Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni<br>Professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni<br>Data tat-Twelid: 1.1.1979<br>Post tat-twelid: Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.<br>Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni. | 17.12.2020 |
| 77. | Viktar Ivanavich STANISLAUCHYK<br>Viktor Ivanovich STANISLAVCHIK | Віктар Іванавіч СТАНІСЛАЎЧЫК<br>Виктор Иванович СТАНИСЛАВЧИК | Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika<br>L-ewwel Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni | Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Data tat-Twelid: 27.1.1971<br>Sess: raġel | Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u s-swat ta' dawk detenuti illegalment.<br>Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni. | |
| 87. | Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN<br>Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN | Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН<br>Александр Васильевич ШАКУТИН | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, president tal-bord tad-diretturi tal-impriża Amkodor<br>Data tat-Twelid: 12.1.1959<br>Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Oblast ta' Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel | Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-bini tal-magni, tal-agrikoltura u oħrajn.<br>Huwa rrappurtat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President. Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja.<br>F'Lulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil-Belarussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċifiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili.<br>Huwa għad għandu interessi kummerċjali fil-Belarussja. | 17.12.2020 |
| 88. | Mikalai Mikalaevich VARABEI/VERABEI<br>Nikolay Nikolaevich VOROBEY | Мікалай Мікалаевіч ВАРАБЕЙ/ВЕРАБЕЙ<br>Николай Николаевич ВОРОБЕЙ | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group<br>Data tat-Twelid: 4.5.1963<br>Post tat-twelid: Repubblika Sovjetika Ukrena (issa Ukrajna)<br>Sess: raġel | Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja u kellu u għad għandu interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam, tal-banek u oħrajn.<br>Huwa l-koproprjetarju tal-Bremino Group – kumpannija li gawdiet minn ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' appoġġ mill-amministrazzjoni Belarussa. Il-kumpannija tiegħu BelKazTrans ingħatat dritt esklussiv li tittrasferixxi l-faħam fil-Belarussja. F'Diċembru 2020, huwa ttrasferixxa wħud mill-assi tiegħu lill-assoċjati kummerċjali qrib tiegħu. Skont rapporti tal-media huwa | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | għadu jikkontrolla l-kumpanniji Interservice and Oil Bitumen Plant. Huwa għad għandu attivitajiet kummerċjali mal-awtoritajiet fil-Belarussja u għadu jżomm relazzjonijiet mill-qrib magħhom u ta żewġ karozzi lussużi lil Lukashenka. Huwa għandu wkoll interessi kummerċjali fl-Ukrajna u r-Russja.<br>Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. | |
| 112. | Siarhei Aliaksandravich GUSACHENKA<br>Sergey Alexandrovich GUSACHENKO | Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА<br>Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО | Pożizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat (Belteleradio Company)<br>Data tat-Twelid: 05.11.1983<br>Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Tel. (uffiċċju): (+375-(17) 369-90-15 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi President ta' Belteleradio Company, (il-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat), awtur u preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa "Glavnyy efir", Siarhei Gusachenka kien u għadu intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti, ir-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet statali u l-attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih it-televiżjoni tal-istat jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka.<br>Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |
| 114. | Volha Mikalaeuna CHAMADANAVA<br>Olga Nikolaevna CHEMODANOVA | Вольга Мікалаеўна ЧАМАДАНАВА<br>Ольга Николаевна ЧЕМОДАНОВА | Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja<br>Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk<br>Data tat-Twelid: 13.10.1977<br>Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Belarussja) | Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-persuna ewlenija għall-media tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, Volha Chamadanava qdiet rwol ewlieni fl-aljenazzjoni u fit-tgħawwiġ tal-fatti rigward il-vjolenza kontra d-dimostranti, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza dwarhom. Hija heddet lid-dimostranti paċifiċi u ġġustifikat kontinwament il-vjolenza kontrihom.<br>Peress li kienet tagħmel parti mill-apparat tas-sigurtà u tkellmet f'ismu, hija għaldaqstant qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Grad: Kurunell<br>Passaport: MC1405076 | Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk. | |
| 121. | Liliya Valereuna LUKASHENKA (SIAMASHKA)<br>Liliya Valerevna LUKASHENKO (SEMASHKO) | Лілія Валер'еўна ЛУКАШЭНКА (СЯМАШКА)<br>Лилия Валерьевна ЛУКАШЕНКО (СЕМАШКО) | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, direttur ta' gallerija tal-arti<br>Data tat-Twelid: 29.10.1979<br>Sess: mara<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Identità personali: 4291079A047PB1 | Liliya Lukashenka hija mart Viktar Lukashenka u bint tar-rispett ta' Aliaksandr Lukashenka. Hija kienet marbuta mill-qrib ma' għadd ta' kumpanniji ta' profil għoli, li bbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka, inkluż Dana Holdings / Dana Astra u l-impriża Belkhudozhpromysly. Hija kien preżenti, flimkien ma' żewġha Viktar Lukashenka, għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020.<br>Attwalment hija d-direttriċi tal-gallerija tal-arti "Art Chaos". L-attivitajiet kummerċjali tagħha huma promossi mill-media affiljata mar-reġim.<br>Għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. | 21.6.2021 |
| 123. | Aliaksandr Yauhenavich SHATROU<br>Alexander (Alexandr) Evgenevich SHATROV | Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ<br>Александр Евгеньевич ШАТРОВ | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u eks kap ta' Synesis LLC<br>Data tat-Twelid: 9.11.1978<br>Post tat-twelid: Unjoni Sovjetika (illum Federazzjoni Russa)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Russa, Belarussa<br>Identità personali: 3091178A002VF5 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap u eks azzjonist maġġoritarju ta' Synesis LLC, Alexander Shatrov kien responsabbli għal dik id-deċiżjoni ta' dik il-kumpannija li tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta' sorveljanza, Kipod, li tista' tfittex f'filmati u tanalizzahom, u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat.<br>Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes jibbenefikaw mis-sehem tagħhom fis-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpanniji oħra li tagħhom Shatrov kien proprjetarju jew koproprjetarju, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll ibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern. | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Huwa għamel stqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u qiegħed f'perspettiva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.<br>Huwa għadu azzjonist ta' Synesis LLC. | |
| 124. | Siarhei Siamionavich TSIATSERYN<br>Sergei Semionovich TETERIN | Сяргей Сямёнавіч ЦЯЦЕРЫН<br>Сергей Семёнович ТЕТЕРИН | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, sid ta'BelGlobalStart , koproprjetarju ta' VIBEL, eks President tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis<br>Data tat-Twelid: 7.1.1961<br>Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Siarhei Tsiatseryn huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fid-distribuzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi (permezz tal-kumpannija tiegħu "BelGlobalStart"), prodotti tal-ikel u għamara. Huwa parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' Lukashenka.<br>Fl-2019, BelGlobalStart ingħatat opportunità li tibda l-bini ta' ċentru multifunzjonali ta' negozju quddiem il-palazz presidenzjali f'Minsk. Huwa koproprjetarju tal-kumpannija VIBEL li tbigħ reklami fuq għadd ta' stazzjonijiet televiżivi nazzjonali Belarussi. Huwa kien il-president tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis u eks assistent ta' Lukashenka għal kwistjonijiet sportivi. | 21.6.2021 |
| 125. | Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV | Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u president tal-bord eżekuttiv tal-kumpanniji Safmar u Slavkali<br>Data tat-Twelid: 9.5.1958<br>Post tat-twelid: Akmolinsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Każakistan)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Russa | Mikhail Gutseriev huwa negozjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fil-Belarussja fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula ġid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. Safmar, kumpannija li kienet ikkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li kompliet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020. | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpannija Slavkali, li qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Huwa l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljun. Lukashenka wieġħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal Gutserievsk biex jagħtih ġieħ.<br><br>In-negozji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negozju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka ddefenda lil Gutseriev wara li nbdiet investigazzjoni kriminali kontrih fir-Russja. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev huwa rrappurtat li rregala lil Lukashenka rigali lussużi.<br><br>Gutseriev ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn dehru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja.<br><br>Skont rapporti tal-media, meta l-impjegati tal-media tal-istat Belarussa li kienu qed jistrajkjaw tkeċċew f'Awwissu 2020, ħaddiema tal-media Russi twasslu lejn il-Belarussja abbord inġenji tal-ajru li jappartjenu lil Gutseriev sabiex jissostitwixxu | |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-ħaddiema mkeċċija, u qagħdu fil-lukanda Minsk Renaissance Hotel li tappartjeni lil Gutseriev. Gutseriev assista fl-akkwist tal-iskanners tas-CT għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. | |
| 127. | Aliaksandr Mikalaevich ZAITSAU<br>Alexander (Alexandr) Nikolaevich ZAITSEV | Аляксандр Мікалаевіч ЗАЙЦАЎ<br>Александр Николаевич ЗАЙЦЕВ | Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group u tas-Sohra Group<br>Data tat-Twelid: 22.11.1976<br>Post tat-twelid: Ruzhany, ir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Aliaksandr Zaitsau huwa l-eks assistent ta' Viktar Lukashenka, iben u eks Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali għal Aliaksandr Lukashenka. Permezz ta' aċċess għall-familja Lukashenka Zaitsau jikseb kuntratti ta' valur għoli għan-negozji tiegħu. Huwa kellu u għad għandu rabtiet mill-qrib mas-Sohra Group li ngħata d-dritt li jesporta l-produzzjoni ta' intrapriżi proprjetà tal-istat (tratturi u trakkijiet) fil-pajjiżi tal-Golf u pajjiżi Afrikani. Huwa wkoll il-koproprjetarju u l-president tal-Kunsill tal-parteċipanti ta' Bremino Group. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Zaitsau u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka.<br>Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. | 21.6.2021 |
| 144. | Andrei Siarheevich BAKACH<br>Andrei Sergeevich BAKACH | Андрэй Сяргеевіч БАКАЧ<br>Андрей Сергеевич БАКАЧ | Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaysky ta' Minsk<br>L-ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna.<br>Data tat-Twelid: 19.11.1983 | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Pervomaysky f'Minsk, Andrei Bakach kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi tal-pulizija li jappartjenu għal dik iż-żona tal-pulizija u għall-azzjonijiet li seħħew fl-għassa tal-pulizija. Matul il-mandat tiegħu ta' Kap, id-dimostranti paċifiċi f'Minsk ġew soġġetti għal trattament kiefer, inuman u degradanti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. | 21.6.2021" |

| | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>( Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna. | |

(2) tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)" hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "1. | Beltechexport | Beltechexport | Indirizz: Nezavisimosti Ave. 86-B, Minsk, Belarus<br>Sit web: https://bte.by/<br>Indirizz elettroniku: mail@bte.by | Beltechexport hija entità privata li tesporta armi u tagħmir militari prodotti minn kumpanniji tal-istat tal-Belarussja lejn pajjiżi fl-Afrika, l-Amerka t'Isfel, l-Asja u l-Lvant Nofsani. Beltechexport hija assoċjata mill-qrib mal-Ministeru tad-Difiża tal-Belarussja.<br>Beltechexport għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah, billi ġġib benefiċċji għall-amministrazzjoni presidenzjali. | 17.12.2020 |
| 2. | Dana Holdings | ТАА "Дана Холдынгз"<br>ООО "Дана Холдингз" | Indirizz: Peter Mstislavets St 9, pom. 3 (office 4), 220076 Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 690611860<br>Siti web: https://bir.by/; https://en.dana-holdings.com; https://dana-holdings.com/ | Dana Holdings hija waħda mill-iżviluppaturi u l-kostrutturi ewlenin tal-proprjetà immobbli fil-Belarussja. Il-kumpannija u s-sussidjarji tagħha rċevew drittijiet ta' żvilupp għal irqajja' ta' art u żviluppaw diversi kumplessi residenzjali kbar u ċentri kummerċjali.<br>Huwa rrappurtat li l-individwi li jirrappreżentaw lil Dana Holdings iżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-President Lukashenka. Liliya Lukashenka, bint tar-rispett tal-President, kellha kariga għolja f'Dana Astra. | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Indirizz elettroniku: info@bir.by<br>Tel.: +375 (29) 636-23-91 | Dana Holdings għadha attiva ekonomikament fil-Belarussja.<br>Għaldaqstant Dana Holdings qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. | |
| 3. | Dana Astra | ЗТАА "Дана Астра"<br>ИООО "Дана Астра" | Indirizz: Peter Mstislavets St, 9, pom. 9-13, 220076 Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 191295361<br>Siti web: https://bir.by/; https://en.dana-holdings.com; https://dana-holdings.com/<br>Indirizz elettroniku: PR@bir.by<br>Tel.: +375 (17) 269-32-60; +375 17 269-32-51 | Dana Astra, preċedentement sussidjarja ta' Dana Holdings, hija waħda mill-iżviluppaturi u l-kostrutturi ewlenin tal-proprjetà immobbli fil-Belarussja. Il-kumpannija rċeviet drittijiet ta' żvilupp għal irqajja' ta' art u qed tiżviluppa ċ-ċentru multifunzjonali Minsk World, li huwa rreklamat mill-kumpannija bħala l-akbar investiment tat-tip tiegħu fl-Ewropa.<br>Huwa rrappurtat li l-individwi li jirrappreżentaw lil Dana Astra jżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-President Lukashenka. Liliya Lukashenka, bint tar-rispett tal-President, kellha kariga għolja fil-kumpannija.<br>Għaldaqstant Dana Astra qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. | 17.12.2020 |
| 4. | GHU - Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali | Главное хозяйственное управление | Indirizz: Miasnikova Str. 37, Minsk, Belarus<br>Sit web: http://ghu.by<br>Indirizz elettroniku: ghu@ghu.by | Id-Dipartiment Ekonomiku Prinċipali (GHU) tal-Amministrazzjoni Presidenzjali huwa l-akbar operatur fis-suq tal-proprjetà immobbli mhux residenzjali fil-Belarussja u superviżur ta' bosta kumpanniji.<br>Victor Sheiman, li bħala l-eks kap tal-Belarus President Property Management Directorate kien jeżerċita kontroll dirett fuq il-GHU, intalab mill-President Aliaksandr Lukashenka biex jissorvelja s-sikurezza tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020.<br>Il-GHU għalhekk qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 5. | SYNESIS LLC | ООО "Синезис" | Indirizz: Platonova 20B, 220005 Minsk, Belarus; Mantulinskaya 24, 123100 Moscow, Russia.<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 190950894 (Belarussja); 7704734000/<br>770301001 (Russja).<br>Sit web: https://synesis.partners; https://synesis-group.com/<br>Indirizz elettroniku: yuriy.serbenkov@synesis.by<br>Tel.: +375 (17) 240-36-50 | Synesis LLC tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Belarussja bi pjattaforma ta' sorveljanza, li tista' tfittex u tanalizza filmati u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ, li jagħmel lill-kumpannija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat fil-Belarussja.<br>L-impjegati ta' Synesis huma pprojbiti milli jikkomunikaw bil-Belarussu, u b'hekk jappoġġjaw il-politika ta' diskriminazzjoni tar-reġim ta' Lukashenka abbażi tal-lingwa.<br>Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja (KGB) u l-Ministeru tal-Affarijiet Interni huma elenkati bħala utenti ta' sistema maħluqa minn Synesis. Il-kumpannija għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.<br>Alexander Shatrov, eks-kap, fundatur u eks azzjonist maġġoritarju ta' Synesis, ikkritika pubblikament lil dawk li pprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u ddeskriva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja bħala relattiv. | 17.12.2020 |
| 6. | AGAT electromechanical Plant OJSC | Агат-электромеханический завод | Indirizz: Nezavisimosti Ave., 115, 220114 Minsk, Belarus<br>Sit web: https://agat-emz.by/ Indirizz elettroniku: marketing@agat-emz.by<br>Sit web: https://agat-emz.by/<br>Tel.:<br>+375 (17) 272-01-32;<br>+375 (17) 570-41-45 | L-AGAT electromechanical Plant OJSC hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja.<br>AGAT electromechanical Plant OJSC għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.<br>Il-kumpannija timmanifattura "Rubezh" – sistema ta' ostakli mfassla għall-kontroll tal-irvellijiet, li ntużat kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | presidenzjali li saru fid-9 ta' Awwissu 2020, u għalhekk il-kumpannija hi responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. | |
| 7. | 140 Repair Plant | 140 ремонтный завод | Sit elettroniku: 140zavod.org | Il-140 Repair Plant hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. l-140 Repair Plant għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.<br>Il-kumpannija timmanifattura vetturi tat-trasport u vetturi armati, li ntużaw kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fid-9 ta' Awwissu 2020, u b'hekk il-kumpannija hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 17.12.2020 |
| 8. | MZKT (magħrufa wkoll bħala VOLAT) | МЗКТ - Минский завод колёсных тягачей | Sit web: www.mzkt.by | L-MZKT (magħrufa wkoll bħala l-VOLAT) hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. L-MZKT (magħrufa wkoll bħala l-VOLAT) għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.<br>Ħaddiema tal-MZKT li pprotestaw matul iż-żjara ta' Alaksandr Lukashenka fil-fabbrika u bdew strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja tkeċċew, u dan jagħmel il-kumpannija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem." | 17.12.2020 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 9. | Sohra Group / Sohra LLC | ООО Сохра | Indirizz: Revolucyonnaya 17/19, office no. 22, 220030 Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 192363182<br>Sit web: http://sohra.by/<br>Indirizz elettroniku: info@sohra.by | Il-kumpannija Sohra kienet tappartjeni lil Aliaksandr Zaitsau, wieħed mill-aktar negozjanti influwenti fil-Belarussja, persuna b'rabta mill-qrib mal-klassi politika Belarussa u assistent mill-qrib tat-tifel il-kbir ta' Lukashenka, Viktor. Sohra tippromwovi prodotti industrijali Belarussi f'pajjiżi fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Hija kofondatriċi tal-kumpannija tad-difiża BSVT-New Technologies li hija involuta fil-produzzjoni tal-armi u l-immodernizzar tal-missili. Filwaqt li tuża il-pożizzjoni privileġġjata tagħha, Sohra sservi bħala intermedjarju bejn il-klassi politika Belarussa u l-intraprizi tal-istat u s-sħab barranin fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Hija involuta wkoll fl-estrazzjoni tad-deheb f'pajjiżi Afrikani abbażi ta' konċessjonijiet miksuba mir-reġim ta' Lukashenka.<br>Għaldaqstant Sohra Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |
| 10. | Bremino Group LLC | ООО "Бремино групп" | Indirizz: Niamiha 40, 220004, Minsk Belarus; Bolbasovo village, Zavodskaya 1k, Orsha Region/Oblast, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni:: 691598938<br>Sit web: http://www.bremino.by<br>Indirizz elettroniku: office@bremino.by; marketing@bremino.by | Bremino Group huwa l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa a benefiċċji oħra. Is-sidien ta' Bremino Group - Aliaksandr Zaitsau, Mikalai Varabei u Aliaksei Aleksin - jiffurmaw parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti marbuta ma' Lukashenka u jżommu kuntatti mill-qrib ma' Lukashenka u l-familja tiegħu.<br>Għaldaqstant Bremino Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.<br>Bremino Group huwa s-sid taċ-Ċentru tat-Trasport u l-Loġistika (TLC) fil-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Polonja - Bremino-Bruzgi, li ntużat mir-reġim ta' Lukashenka bħala kenn għall-migranti li | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha illegalment. Bremino-Bruzgi TLC kien ukoll sit taż-żjara ta' propaganda ta' Lukashenka lill-migranti.<br>Għaldaqstant, Bromino Group qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 11. | Globalcustom Management LLC | ООО "Глобалкастом-менеджмент" | Indirizz: Nemiga 40/301, Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 193299162<br>Sit web: https://globalcustom.by/<br>Indirizz elettroniku: info@globalcustom.by | Globalcustom Management hija assoċjata mal-Belarus President Property Management Directorate, li preċedentement kien immexxi minn Victor Sheiman, li ilu elenkat mill-Unjoni mill-2004. Il-kumpannija hija involuta fil-kuntrabandu ta' merkanzija lejn ir-Russja, li ma jkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim ta' Lukashenka, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata wkoll fuq l-appoġġ tar-reġim. Globalcustom Management kienet l-ewwel sid ta' GardService, l-unika kumpannija privata li ngħatat il-permess għall-użu tal-armi minn Lukashenka. Għaldaqstant Globalcustom Management qiegħda tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |
| 12. | Belarusski Avtomobilnyi Zavod (BelAZ) / OJSC "BELAZ"<br>Open Joint Stock Company "BELAZ" - Management Company of Holding "BELAZ-HOLDING | ААТ «БЕЛАЗ»<br>ОАО " БЕЛАЗ" | Indirizz: 40 let Octyabrya St 4, 222161, Zhodino, Minsk Region/Oblast, Belarus<br>Sit web: https://belaz.by | OJSC BelAZ hija fost l-intrapriżi tal-istat ewlenin fil-Belarussja u waħda mill-akbar manifatturi ta' trakkijiet kbar u trakkijiet kbar tal-iskart fid-dinja. Hija sors ta' dħul sinifikanti għar-reġim ta' Lukashenka. Lukashenka sostna li l-gvern dejjem ser jappoġġa l-kumpannija, u ddeskriviha bħala "marka Belarussa" u "parti mill-wirt nazzjonali". OJSC BelAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant OJSC BelAZ tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | L-impjegati ta' OJSC BelAZ li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew mhedda bi tkeċċija u intimidati mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' impjegati ġew imsakkra ġewwa minn OJSC BelAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma' dimostranti oħra. Il-maniġment tal-kumpannija ppreżenta lis-strajk lill-media bħala laqgħa tal-membri tal-persunal. Għaldaqstant OJSC BelAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. | |
| 13. | Minskii Avtomobilnyi Zavod (MAZ) / OJSC "MAZ"<br>Open Joint Stock Company "Minsk Automobile Works" - Management Company of "BELAVTOMAZ" Holding | ААТ "Мінскі аўтамабільны завод"<br>ОАО "Минский автомобильный завод" | Indirizz: Socialisticheskaya 2, 220021 Minsk, Belarus<br>Sit web: http://maz.by/<br>Data ta' reġistrazzjoni: 16.7.1944<br>Tel.: +375 (17) 217-22-22; +8000 217-22-22 | OJSC Minsk Automobile Plant (MAZ) hija waħda mill-akbar intrapriżi tal-istat li jimmanifatturaw karozzi fil-Belarussja. Lukashenka ddeskriviha bħala "waħda mill-aktar intrapriżi industrijali importanti tal-pajjiż". Hija sors ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. OJSC MAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim. Għaldaqstant OJSC MAZ tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.<br>L-impjegati ta' OJSC MAZ li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u aktar tard mkeċċija mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' impjegati ġew imsakkra ġewwa minn OJSC MAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma' dimostranti oħra. Għaldaqstant OJSC MAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |
| 14. | Logex | ТАА "Лагекс"<br>ООО "Логекс" | Indirizz: 24 Kommunisticheskaya St., office 2, Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 192695465 | Logex hija assoċjata ma' Aliaksandr Shakutsin, negozjant viċin ir-reġim ta' Lukashenka, li ġie elenkat mill-Unjoni. | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sit web: http://logex.by/<br>Indirizz elettroniku: info@logex.by | Il-kumpannija hija involuta fl-esportazzjoni ta' fjuri lejn il-Federazzjoni Russa bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li ma tkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata fuq l-appoġġ tar-reġim. Il-fornituri Belarussi ewlenin ta' fjuri maqtugħa huma l-kumpanniji li għandhom rabta mill-qrib mat-tmexxija tar-repubblika.<br>Għaldaqstant Logex qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. | |
| 15. | JSC "NNK" (Novaia naftavaia Kampania)/New Oil Company | ЗАТ "ННК" (Новая нафтавая кампанія)<br>ЗАО "ННК" (Новая нефтяная компания) | Indirizz: Rakovska St. 14W room 7, 5th floor, Minsk, Belarus<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 193402282 | Novaya Neftnaya Kompaniya (NNK), New Oil Company, hija entità mwaqqfa f'Marzu 2020. Hija l-unika kumpannija privata intitolata li tesporta prodotti taż-żejt mill-Belarussja - indikazzjoni ta' rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet u l-ogħla livell ta' privileġġi tal-istat. NNK hija proprjetà ta' Interservice, kumpannija li tappartjeni lil Mikalai Varabei li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka u li jappoġġawh. NNK hija rrappurtata wkoll li hija konnessa ma' Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti ieħor Belarussu li jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Skont ir-rapporti tal-media Aleskin kien il-fundatur tal-NNK flimkien ma' Varabei. NNK intużat ukoll mill-awtoritajiet Belarussi biex jadattaw l-ekonomija tal-Belarussja għal miżuri restrittivi introdotti mill-Unjoni.<br>Għaldaqstant NNK qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. | 21.6.2021 |
| 16. | Belaeronavigatsia<br>Intrapriża tal-istat | Белаэранавігацыя<br>Дзяржаўнае прадпрыемства<br>Белаэронавигация | Indirizz: 19 Korotkevich St., 220039 Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 1996<br>Sit web: http://www.ban.by/ | L-intrapriża tal-istat Belaeronavigatsiahija responsabbli għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-Belarussja. Għalhekk hija responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata | 21.6.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Государственное предприятие | Indirizz elettroniku: office@ban.by<br>Tel.: +375 (17) 215-40-51<br>Fax: +375 (17) 213-41-63 | ttieħdet bl-għan li jiġu arrestati u detenuti l-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.<br>L-intrapriża tal-istat Belaeronavigatsia hija għalhekk responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | |
| 17. | Open Joint Stock Company "Belavia Belarusian Airlines" | ААТ "Авіякампанія Белавія"<br>ОАО "Авиакомпания Белавиа" | Indirizz: 14A Nemiga St., 220004 Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 4.1.1996<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 600390798 | OJSC Belavia Belarusian Airlines huwa t-trasportatur tal-linja tal-ajru nazzjonali tal-istat. Aliaksandr Lukashenka wieġħed li l-amministrazzjoni tiegħu ser tagħti kull appoġġ possibbli lil Belavia wara li l-Unjoni ddeċidiet li ddaħħal projbizzjoni fuq it-titjir li jgħaddi minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u fuq l-aċċess għall-ajruporti tal-Unjoni mit-trasportaturi tal-ajru Belarussi kollha. Għal dak il-għan, huwa qabel mal-President Russu Vladimir Putin dwar l-ippjanar tal-ftuħ ta' rotot ġodda tal-linji tal-ajru għal Belavia.<br>Il-maniġment ta' Belavia qal ukoll lill-impjegati tiegħu biex ma jipprotestawx kontra l-irregolaritajiet tal-elezzjoni u d-detenzjonijiet tal-massa fil-Belarussja, għall-fatt li Belavia hija intrapriża tal-istat.<br>Għaldaqstant, Belavia qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.<br>Belavia kienet involuta biex jinġiebu migranti mil-Lvant Nofsani lejn il-Belarussja. Migranti li jixtiequ jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni qed itiru lejn Minsk abbord titjiriet operati minn Belavia minn għadd ta' pajjiżi mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari il-Libanu, l-Emirati Għarab Magħquda u t-Turkija. Biex tiffaċilita dan, Belavia feteħet rotot tal-ajru ġodda u żiedet l-għadd ta' titjiriet fuq rotot eżistenti. Operaturi turistiċi lokali ħadmu bħala intermedjarji fil-bejgħ ta' biljetti ta' Belavia lil migranti prospettivi, u b'hekk għenu lil Belavia żżomm profil baxx. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Belavia għaldaqstant qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 18. | Republican unitary enterprise "TSENTRKURORT " | Рэспубліканскае унітарнае прадпрыемства "ЦЭНТРКУРОРТ"<br>Республиканское унитарное предприятие "ЦЕНТРКУРОРТ" | Indirizz: 39 Myasnikova St., 220030 Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.8.2003<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 100726604 | Il-kumpannija turistika tal-istat Tsentrkurort tagħmel parti mid-Belarus President Property Management Directorate. Huwa rrappurtat li Tsentrkurort hija waħda mill-kumpanniji li tikkoordina l-fluss ta' migranti li għandhom l-intenzjoni li jaqsmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Unjoni. Tsentrkurort għenet lil mill-anqas 51 ċittadin Iraqi jakkwistaw viżi għaż-żjara tagħhom fil-Belarussja, u ffirmat kuntratt għal servizzi tat-trasport mal-kumpannija Belarussa Stroitur, li toffri kiri ta' xarabankijiet bix-xufier. Ix-xarabankijiet ibbukkjati minn Tsentrkurort ittrasportaw lill-migranti, inkluż tfal, mill-ajruport ta' Minsk sal-lukandi.<br>Għaldaqstant Tsentrkurort qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 19. | Oskartour LLC | ООО Оскартур | Indirizz: 25 Karl Marx St., room 1n, Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 18.10.2016<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 192721937 | Oskartour huwa operatur turistiku, li ffaċilita l-kisba ta' viżi għal migranti ġejjin mill-Iraq u organizza l-vjaġġ sussegwenti tagħhom lejn il-Belarussja permezz ta' titjiriet minn Bagdad għal Minsk. Dawk il-migranti Iraqin aktar tard ġew ittrasporati sal-fruntiera ta' bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha b'mod illegali. Bis-saħħa ta' Oskartour u l-kuntatti tiegħu mal-linji tal-ajru Iraqin, l-awtoritajiet Belarussi u l-kumpannija tal-istat Tsentrkurort, tnedew titjiriet regolari minn Bagdad għal Minsk mit-trasportatur tal-ajru Iraqi, sabiex jinġiebu aktar persuni lejn il-Belarussja biex jaqsmu b'mod illegali l-fruntieri esterni tal-Unjoni. Oskartour ħa sehem f'din l-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-istat. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 20. | Republican subsidiary unitary enterprise "Hotel Minsk" | Гатэль "Мінск"<br>Республиканское дочернее унитарное предприятие "Отель "Минск" | Indirizz: 11 Nezavisimosti Ave., Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 26.12.2016/ 3.4.2017<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 192750964<br>Sit web: http://hotelminsk.by/<br>Indirizz elettroniku: hotelminsk@udp.gov.by; marketing@hotelminsk.by<br>Tel.: +375 (17) 209-90-61<br>Fax: +375 (17) 200-00-72 | Hotel Minsk hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Minsk ħadet sehem f'din l-iskema ta' qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l--Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Il-migranti Iraqin elenkaw lil Hotel Minsk bħala residenza temporanja fl-applikazzjonijiet tal-viża Belarussa tagħhom, li ġew ippreżentati immedjatament qabel il-wasla tagħhom fil-Belarussja.<br>Għaldaqstant, Hotel Minsk qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 21. | Open Joint Stock Company "Hotel Planeta" | ААТ "Гасцініца Планета"<br>ОАО "Гостиница Планета" | Indirizz: 31 Pobediteley Ave., Minsk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 1.2.1994/ 6.3.2000<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 100135173<br>Sit web: https://hotelplaneta.by/<br>Indirizz elettroniku: planeta@udp.gov.by | OJSC Hotel Planeta hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Planeta ħadet sehem fl-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u l-kumpanniji tal-istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Huma ħallsu USD 1 000 lil aġent tal-ivjaġġar f'Bagdad għat-titjira, viża turistika u soġġorn fil-lukanda. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Tel.: +375 (17) 226-78-53<br>Fax: +375 (17) 226-78-55 | Għaldaqstant, Hotel Planeta qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | |
| 22. | ASAM (Asobnaia sluzhba aktyunykh merapryemstvau)<br>OSAM (Otdiel'naya sluzhba aktivnykh mieropriyatiy) | Асобная служба актыўных мерапрыемстваў (ACAM)<br>Отдельная служба активных мероприятий (OCAM) | Indirizz: State Border Committee of the Republic of Belarus, 24 Volodarsky St., 220050, Minsk, Belarus | ASAM (Separate Service for Active Measures) hija unità speċjali Belarussa tal-gwardji tal-fruntiera kkontrollata minn Viktar Lukashenka u mmexxija minn Ihar Kruchkou. Il-forzi ta' ASAM taħt l-operazzjoni speċjali "Gate" jorganizzaw qsim illegali tal-fruntieri mill-Belarussja lejn Stati Membri tal-Unjoni u huma involuti direttament fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti lejn in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Barra minn hekk, ASAM titlob ħlas mill-migranti trasportati għall-qsim tal-fruntiera.<br>Għaldaqstant, ASAM qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 23. | Cham Wings Airlines | | Indirizz: P.O. Box 30588 Damascus, Syria<br>Sit web: https://chamwings.com/ | Cham Wings Airlines huwa operatur ta' titjiriet charter mis-Sirja għall-Belarussja. Il-kumpannija żiedet l-għadd ta' titjiriet minn Damasku għal Minsk mis-sajf tal-2021 sabiex tittrasporta migranti lejn il-Belarussja, li kellhom l-intenzjoni li jaqsmu illegalment il-fruntieri esterni tal-Unjoni. Fil-ħarifa tal-2021, Cham Wings feħħet ukoll żewġ uffiċċji ġodda f'Minsk sabiex tkun tista' torganizza t-titjiriet bejn Damasku u Minsk.<br>Għaldaqstant, Cham Wings Airlines qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 24. | VIP Grub | | Indirizz: Büyükdere Cad., No:201, Istanbul, Turkey | VIP Grub huwa servizz tal-passaporti u l-viża bbażat f'Istanbul, it-Turkija, li jorganizza vjaġġi lejn il-Belarussja bl-intenzjoni espliċita li jiffaċilita l-migrazzjoni lejn l-Unjoni. VIP Grub jirreklama b'mod attiv il-migrazzjoni lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, VIP Grub qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka billi jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. | 2.12.2021 |
| 25. | Open Joint Stock Company "Grodno Azot"<br>Inkluż il-fergħa "Khimvolokno Plant" JSC "Grodno Azot" | ААТ "Гродна Азот"<br>ОАО "Гродно Азот"<br>Філіял "Завод Хімвалакно" ААТ "Гродна Азот"<br>Филиал "Завод Химволокно" ОАО "Гродно Азот" | Indirizz: 100 Kosmonavtov Ave., Grodno/Hrodna, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 1965<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 500036524<br>Sit web: https://azot.by/en/<br>Indirizz: 4 Slavinskogo St., 230026 St., Grodno/Hrodna, , Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 12.5.2000<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 590046884<br>Sit web: www.grodno-khim.by<br>Indirizz elettroniku: office@grodno-khim.by; market@grodno-khim.by; ppm@grodno-khim.by; tnp@grodno-khim.by<br>Tel./Fax: +375 (152) 39-19-00; +375 (152) 39-19-44 | OJSC Grodno Azot hija produttur kbir tal-istat li tipproduċi komponenti tan-nitroġenu, ibbażat fi Grodno/Hrodna. Lukashenka iddeskriviha bħala "intrapriża importanti ħafna, waħda strateġika". Grodno Azot hija l-proprjetarju wkoll ta' Khimvolokno Plant, li hija manifattur kbir ta' poliamidi u poliester u materjali kompożiti. Grodno Azot u Khimvolokno Plant tagħha huma sors ta' dħul sostanzjali għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.<br>Lukashenka żar il-kumpannija u ltaqa' mar-rappreżentanti tagħha, waqt li ddiskutew il-modernizzazzjoni tal-impjant u forom varji ta' għajnuna tal-Istat. Lukashenka wieġħed ukoll li ser jintuża self għall-bini ta' impjant ġdid tan-nitroġenu fi Grodno/Hrodna. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.<br>Il-ħaddiema ta' Grodno Azot, inkluż l-impjegati tagħha f'Khimvolokno Plant, li ħadu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim u ħarġu bi strajk, ingħataw s-sensja, ġew intimidati u mhedda kemm mill-maniġment ta' Grodno Azot kif ukoll mir-rappreżentati tar-reġim. Għaldaqstant, Grodno Azot hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021 |

| | Ismijiet<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa<br>Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 26. | Assoċjazzjoni tal-Produzzjoni tal-Istat "Belorusneft" | Дзяржаўнае вытворчае аб'яднанне "Беларуснафта"<br>Государственное производственное объединение "Белоруснефть" | Indirizz: 9 Rogachevskaya St., 246003 Gomel/Homyel, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 25.2.1966<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 400051902 | Belorusneft hija kumpannija tal-istat li topera fis-settur petrokimiku. Il-maniġment tal-kumpannija ta s-sensja lill-ħaddiema li ħarġu fuq strajk, ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim jew appoġġaw pubblikament dawn il-protesti. Għaldaqstant Belorusneft hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021 |
| 27. | Open Joint Stock Company "Belshina" | AAT "Белшина"<br>OAO "Белшина" | Indirizz: 4 Minskoe Shosse St., 213824 Bobruisk, Belarus<br>Data ta' reġistrazzjoni: 10.1.1994<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 700016217<br>Sit web: http://www.belshinajsc.by/ | OJSC Belshina hija waħda mill-kumpanniji ewlenin tal-istat fil-Belarussja u manifattur kbir tat-tyres tal-vetturi. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. L-Istat tal-Belarussja qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ ta' Belshina. Għaldaqstant, Belshina tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.<br>L-impjegati ta' Belshina li pprotestaw u ħarġu fuq strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja ngħataw is-sensja. Għaldaqstant, Belshina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. | 2.12.2021". |